# It-Trinità Mqaddsa



JOSEPH MIZZI

IT-TRINITÀ MQADDSA

© 2015, 2023 Dr Joseph Mizzi
Id-drittijiet kollha miżmuma.

www.josephmizzi.blogspot.com

# IT-TAGĦRIF T'ALLA FL-ISKRITTURA

Skont il-leġġenda, darba waħda Santu Wistin kien miexi ma' xatt il-baħar jaħseb u jimmedita dwar Alla. Lemaħ tfajjel b'satal f'idejh. Meta staqsieh x'inhu jagħmel, it-tifel wieġbu li kien qed ibattal il-baħar fil-ħofra li kien għadu kif ħaffer fir-ramel. "Ma tarax li hu impossibbli," qallu l-isqof. "Daqshekk ieħor," wieġeb it-tifel, "tista' tifhem 'l Alla bil-moħħ ċkejken tiegħek."

Ma nafx jekk din l-istorja hix vera, però ħaġa waħda hi żgura – *jeħtieġ nersqu lejn Alla b'attitudni ta' umiltà u reverenza.* Il-meditazzjoni dwar Alla għandha twasslna biex nagħrfu x-xejn tagħna u xi ħaġa dwar il-kobor infinit tiegħu, u naslu biex nistqarru, "Għerf bħal dan hu tal-għaġeb għalija; għoli wisq, ma nistax inlaħħaq miegħu" (Salmi 139:6).

F'dan il-ktejjeb se niffokaw biss fuq id-dottrina tat-Trinità, għalkemm fil-qosor ħafna. M'aħniex interessati f'ideat umani; irridu niskopru x'jgħid Alla fuqu nnifsu fl-Iskrittura Mqaddsa. Jalla l-Mulej jagħtina qalb li temmen imqar dak it-tagħrif li hu "għoli wisq" għall-moħħ ċkejken tagħna.

L-Evanġeliċi u l-Kattoliċi jemmnu d-dottrina tat-Trinità iżda ħafna minnhom ma jafux sew xi tfisser. Jgħidulek

biss li t-Trinità hi misteru jew jirrepetu bl-amment l-formola, “Alla wieħed fi tliet Persuni.” Il-Musulmani u x-Xhieda ta’ Ġeħova jiċħdu t-Trinità iżda ħafna minnhom għandhom ideat żbaljati dwarha. Għalhekk jeħtieġ nagħtu definizzjoni u tifsira ċara tagħha.

Aktar importanti, irridu nuru li din id-dottrina hi *mgħallma ċar fil-Bibbja*. Jekk temmen fit-Trinità għandek taċċerta ruħek li dan mhux tagħlim ivvintat mill-bniedem imma li hu msejjes fuq il-Kelma t’Alla, tant li tkun tista’ tistqarr, “Nemmen f’Alla Trintà *għax hekk tgħallem l-Iskrittura*.” Jekk għadek ma temminx, nitlob ’l Alla li inti wkoll tasal biex tgħid, “Issa nemmen f’Alla Trinità għax hu stess hekk wera lilu nnifsu fil-Kelma tiegħu.”

## XI TFISSER ID-DOTTRINA TAT-TRINITÀ?

Il-kelma *Trinità* ma tinstabx fil-Bibbja. Hi kelma użata mill-Kristjani sa minn żminijiet bikrija tal-knisja biex jesprimu ċerti veritajiet dwar Alla mgħallma fil-Bibbja. Bl-istess mod nużaw kliem bħal “providenza” u “inkarnazzjoni,” li għalkemm ma nsibuhomx fl-Iskrittura jirreferu għal tagħlim bibliku.

Min jista' jgħid, "Jien ma nemminx li Alla jieħu ħsieb ta' kollox għax il-kelma *providenza* ma tinstabx fil-Bibbja"? Jew, "Jien ma nemminx li l-Kelma saret ġisem għax *inkarnazzjoni* mhijiex terminu bibliku"? Hekk ukoll mhix raguni valida li tiċħad it-Trinità sempliċement għax il-kelma ma tinsabx fil-Bibbja. L-interess tagħna mhux tant fil-*kelma* Trinità, imma fit-*tagħlim* li tirrappreżenta.

Il-kelma Trinità ġejja minn żewg kelmiet Latini, *tres* (tlieta) u *unitas* (wieħed). Hemm, mela, l-ħsieb ta' pluralità f'unità, jew unità fi pluralità.

Dawn huma l-veritajiet ewlenin li jifformaw din id-dottrina:

- *Hemm Alla wieħed.*
- *Il-Missier hu Alla; L-Iben hu Alla; L-Ispirtu s-Santu hu Alla.*
- *Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma Persuni distinti minn xulxin.*

Dawn it-tliet stqarrijiet huma mgħallma fil-Bibbja, kif se naraw. Nistiednek tfittex ir-referenzi fl-Iskrittura biex tikkonferma l-provi li Alla hu wiehed u tkun ċert ukoll mid-divinità tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u li dawn it-tlieta huma Persuni distinti minn xulxin.

# ALLA WIEĦED

It-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid jgħallmu ċar li hemm Alla wieħed: "Isma', o Iżrael: Il-Mulej (Jaħwe), Alla tagħna, hu Mulej (Jaħwe) wieħed!" (Dewterenomju 6:4). "Hekk jgħid il-Mulej, is-Sultan ta' Iżrael, u l-feddej tiegħek, il-Mulej tal-eżerċti: Jien l-ewwel, u jien l-aħħar; u m'hemmx Alla ieħor għajri" (Isaija 44:6). "Hemm Alla wieħed; u m'hemmx ieħor għajru" (Mark 12:32).

Il-pagani jemmnu f'ħafna allat. Saħansitra Satana jitqies bħala "alla ta' din id-dinja." Iżda l-Insara ma jagħrfux l-allat pagani għax jieħdu bis-serjetà l-ewwel kmandament: "Ma jkollokx allat oħra quddiemi" (Esodu 20:3). Il-Kristjani jirrifjutaw il-politeiżmu (twemmin f'ħafna allat) għax "l-allat kollha tal-ġnus huma *idoli*" - allat foloz (Salmi 96:5). Bħalma jikteb l-appostlu Pawlu: "Għalkemm hemm sew fis-sema u kemm fl-art dawk li jgħidulhom allat; (u hemm ħafna allat u ħafna sidien) imma għalina hemm *Alla wieħed* (1 Korintin 8:5-6).

Alla veru jingħaraf minn allat oħra għax hu waħdu l-Ħallieq, is-Salvatur u l-Imħallef tad-dinja. Hu biss etern, jista' kollox, jinsab kullimkien, jaf kollox u ma jinbidilx. Ismu hu Jaħwe. Hu waħdu Sid is-sidien. Lilu biss

għandna nqimu, naqdu u nħobbu b'qalbna kollha. F'ismu biss għandna nemmnu għas-salvazzjoni tagħna.

# IL-MISSIER HU ALLA

Sa mill-ewwel sekli tal-knisja, l-Insara stqarrew it-twemmin tagħhom f'Alla l-Missier li jista' kollox. Fit-Testment il-Ġdid Alla sikwit jissejjaħ il-Missier. "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu" (Efesin 1:3). Alla mhux Missier minħabba wliedu maħluqin (l-anġli) jew minħabba wliedu adottivi (in-nies mifdija). Alla kien Missier qabel il-ħolqien. Qabel xejn Alla hu Missier minħabba r-relazzjoni eterna mal-Iben il-waħdieni tiegħu. Alla hu Missier etern, minn qabel ma nħolqot id-dinja, għaliex kien minn dejjem ma' Ibnu. Il-Mulej Ġesù talbu, "U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja" (Ġwanni 17:5). Ladarba ma jistax ikun Missier mingħajr Iben, min jiċħad li l-Iben hu etern ikun qed jiċħad il-Missier ukoll.

# L-IBEN HU ALLA

Il-Bibbja tgħallem ċar li l-Iben hu Alla daqs il-Missier. L-appostlu Tumas indirizzah: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" u l-Missier stess qallu: "It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem" (Ġwanni 20:28; Lhud 1:8). L-Iben huwa l-Ħallieq: "Int, Mulej, fil-bidu qegħidt is-sisien tal-art; u xogħol idejk huma s-smewwiet' (Lhud 1:10). L-Iben hu s-Salvatur tad-dinja: "Alla l-kbir u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu" (Titu 2:13). L-Iben hu "l-Imħallef tal-ħajjin u l-mejtin" u jista' jaħfer id-dnubiet (Atti 10:42; Mark 2:5-12). L-Iben hu Mulej (*Kyrios*, l-isem ta' Jaħwe fit-Testment il-Ġdid), "is-Sid ta' kulħadd" u "s-Sid tas-sidien" (Filippin 2:11; Atti 10:36; Rivelazzjoni 19:16).

L-Iben hu etern għax jissejjaħ "missier għal dejjem," "il-ħajja eterna" u nislu "mill-jiem ta' dejjem" (Isaija 9:6; 1 Ġwanni 1:2; Mikea 5:2). L-Iben jista' kollox għax "dawk il-ħwejjeġ kollha li jagħmel l-Missier, dawn l-Iben jagħmel ukoll" (Ġwanni 5:19). L-Iben jinsab kullimkien, għalhekk wiegħed lid-dixxipli tiegħu "Ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja," u, "Fejn tnejn jew tlieta huma miġburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mattew 28:20; 18:20). L-Iben jaf kollox, kif

stqarr l-appostlu Pietru: "Mulej, int taf kollox" (Ġwanni 21:17). L-Iben ma jinbidilx: "Ġesù Kristu l-bieraħ, u llum, hu l-istess, u jibqa" għal dejjem" (Lhud 13:8).

Il-profeti tat-Testment il-Qadim wegħdu li l-Mulej (Jaħwe) kellu jżur il-poplu tiegħu: "Hejju triq il-Mulej, wittu fid-deżert triq lil Alla tagħna." Din il-profezija seħħet mal-miġja ta' Ġesù Kristu kif ħabbar Ġwanni l-Battista. "Dan hu dak li fuqu tkellem il-profeta Isaija, li jgħid: 'Il-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: "Hejju t-triq tal-Mulej, wittu l-mogħdijiet tiegħu"'" (Isaija 40:3; Mattew 3:3). Il-Messija huwa Jaħwe.

L-Iskrittura tafferma d-divintà sħiħa tal-Iben meta tikkmandana nħobbuh b'qalbna kollha, nonorawh u nqimuh bħala Alla, u nemmnu fih għas-salvazzjoni tagħna (ara Mattew 10:37-39; Ġwanni 5:23; Rivelazzjoni 5:8-12; Efesin 1:13).

Meta l-appostlu Filippu staqsih biex jurihom lill-Missier, Ġesù wieġeb: "Ili daż-żmien kollu magħkom, u għadek ma tafnix Filippu? *Min ra lili ra lill-Missier*; u kif tgħid int mela: 'Urina lill-Missier?'" (Ġwanni 14:9). Din l-istqarrija kienet tkun l-akbar dagħwa kieku l-Iben mhux Alla daqs il-Missier. Imma ladarba l-kelma tiegħu hi verità, l-Iben hu tassew Alla.

# L-ISPIRTU HU ALLA

Id-divinità tal-Ispirtu s-Santu hi evidenti għax hu "l-Ispitu *t'Alla* tagħna" u "l-Ispirtu *tal-Mulej,*" u mhux l-ispirtu ta' xi ħlejqa spiritwali bħall-anġli (2 Korintin 6:11; Luqa 4:18). Kif jista' jkun l-Ispirtu *t'Alla* ma jkunx Alla?

L-Ispirtu jwettaq l-għemejjel divini, fosthom il-ħolqien - "Int tibgħat l-Ispirtu tiegħek u huma jinħolqu" (Salmi 104:30). Il-qarrej ukoll jista' jistqarr, "L-Ispirtu t'Alla għamilni" (Ġobb 33:4). L-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħajja u s-salvazzjoni. Il-Mulej Ġesù qal: "Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja" (Ġwanni 6:63), u l-appostlu jfakkar l-Insara li Alla salvahom "bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu" (Titus 3:5). Hu mexxa wkoll il-kittieba tal-Iskrittura biex jiktbu l-kelma t'Alla, "nies qaddisa, mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, tkellmu" (2 Pietru 1:21).

L-Ispirtu hu Alla għax għandu l-attributi divini: l-Ispirtu huwa etern (Lhud 9:14); jinsab kullimkien ("Fejn immur bogħod mill-Ispirtu tiegħek?" Salmi 139:7); u jaf kollox ("L-Ispirtu jfittex kollox, iva, sa l-għammieq t'Alla... dak li hemm f'Alla ma jafu ħadd, ħlief l-Ispirtu t'Alla" 1 Korintin 2:10-11).

Il-kittieba tat-Testment il-Gdid identifikaw l-Ispirtu bħala Jaħwe: "Ta' dan hemm xhieda *wkoll l-Ispirtu s-Santu*, għax wara dan kien qal: "Din hi r-rabta li nagħmel magħhom," jgħid *il-Mulej*" (Lhud 10:15-17; cf. Ġeremija 31:33-34). Ladarba kliem il-Mulej (Jaħwe) huwa kliem l-Ispirtu s-Santu, jidher ċar li l-Ispirtu hu Jahwe, il-Mulej. Hekk ukoll jiddikjara l-appostlu Pawlu: "Il-Mulej huwa l-Ispirtu" (2 Korintin 3:17).

Darba l-appostlu Pietru staqsa: "Ħananija, għaliex imlielek qalbek ix-xitan biex tigdeb lill-Ispirtu s-Santu... Mhux lill-bnedmin gdibt, imma 'l Alla" (Atti 5:3-4). Skont Pietru, jekk tigdeb lill-Ispirtu s-Santu tkun tigdeb lil Alla. Hu ċar, mela, li l-Ispirtu huwa Alla.

F'post ieħor, l-appostlu Pawlu jgħid lill-Kristjani: "Ma tafux li intom it-tempju t'Alla, u li l-Ispirtu t'Alla jgħammar fikom?" (1 Korintin 3:16). Il-Kristjani huma tempju mqaddes "mibnijin flimkien biex ikunu l-għamara t'Alla permezz tal-Ispirtu" (Efesin 2:22). Kieku l-Ispirtu mhux Alla ma nkunux nistgħu ngħidu li Alla jgħammar fina.

# PERSUNI DISTINTI

L-istess Skrittura li tgħallem li l-Missier hu Alla, l-Iben hu Alla u l-Ispirtu hu Alla, ma tgħallimx li huma persuna waħda. Il-Missier mhuwiex l-Iben u mhuwiex l-Ispirtu s-Santu. It-tliet Persuni huma distinti minn xulxin.

"Fil-bidu kien il-Kelma, u l-Kelma kien m'Alla, u l-Kelma kien Alla" (Ġwanni 1:1). Ġwanni jsejjaħ l-Iben "il-Kelma" u jafferma d-Divinità tiegħu ("il-Kelma kien Alla"), waqt li fl-istess sentenza l-appostlu jgħidlna wkoll li l-Kelma kien *ma'* Alla, u għalhekk distint mill-Missier. L-Iben *hu Alla* u *ma' Alla.*

Alla l-Missier bagħat lil Ibnu; l-Iben ġie biex jagħmel ir-rieda ta' Missieru. Ċertament mela mhumiex l-istess persuna. Hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu mhuwiex il-Missier u lanqas l-Iben. Ġesù qal: "L-Avukat, li hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, hu jgħallimkom kollox u jfakkarkom kulma għidtilkom" (Ġwanni 14:26). Innota t-tliet Persuni tat-Trinità: il-Missier jibgħat l-Ispirtu s-Santu, u l-Ispirtu s-Santu jgħallimna dwar l-Iben. Ġesù qal ukoll: "Jien nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem" (Ġwanni 14:6). Id-distinzjoni bejn it-tliet Persuni tidher ċara.

Hekk mela, mill-Bibbja wrejna li hemm Alla wieħed, u li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma Alla u Persuni distinti minn xulxin.

# IL-KNISJA TISTQARR IL-FIDI BIBLIKA

Għalkemm il-veritajiet dwar Alla li flimkien jifformaw id-dottrina tat-Trinità mhumiex diffiċli biex tifhimhom waħda waħda, huwa diffiċli ferm tifhem kif Alla hu wieħed, u li t-tliet Persuni huma dan Alla wieħed.

M'hemm ebda tixbiha mill-ħolqien biex nifhmu aħjar it-Trinità li Alla wriena fil-Kotba Mqaddsa. Il-Mulej jistaqsina: "Ma' min ixxebbhuh 'l Alla? Jew liema xbieha tqabblu miegħu?" (Isaija 40:18). Kull anoloġija jew xbieha t'Alla tgħallem il-qerq. Il-Kristjani ma jemmnux fit-Trinità għax kapaċi jispjegaw 'l Alla imma għax huma konvinti li l-Bibbja tgħallem ċar sew l-unità kif ukoll id-divinità u d-distinzjoni tat-tliet Persuni.

Fl-ewwel sekli l-knisja tħabtet biex tagħti definizzjoni korretta tar-relazzjoni bejn it-tliet Persuni filwaqt li żżomm sħiħ it-tagħlim fuq l-unità t'Alla.

Fil-Kredu Atanasjan naqraw:

*"Issa l-fidi Kattolika hi din: inqimu Alla wieħed fi Trinità, u Trinità f'unità, bla ma nħawwdu l-Persuni, jew nisseparaw is-sustanza. Għax il-Persuna tal-Missier waħda, tal-Iben oħra, u tal-Ispirtu s-Santu oħra. Iżda tal-Missier, tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu hemm divinità waħda, glorja ugwali u majestà koeterna."*

Il-knisja riedet tħares lilha nfisha kontra tagħlim eretiku:

1. Alla mhux persuna waħda li jidher f'bixriet jew modi differenti. Din l-ereżija (msejħa *modaliżmu*) ixxebbah 'l Alla ma' attur li daqqa jidher mod u daqqa oħra jidher mod ieħor. L-Iskrittura tgħallem li t-tliet Persuni huma koeżistenti u għandhom relazzjoni personali flimkien.
2. Ma nemmnux li hemm tliet allat. L-Iben hu ħaġa waħda mal-Missier; u l-Ispirtu s-Santu huwa l-Ispirta *t'Alla*. Id-dottrina tat-Trinità tafferma bil-qawwa kollha l-unità t'Alla ("inqimu Alla wiehed… bla ma nisseparaw is-sustanza… hemm divinità wahda").
3. Alla mhux *kompost* minn tliet partijiet, bħal trianglu magħmul minn tliet linji. Il-Missier hu Alla sħiħ,

mhux parti jew biċċa minn Alla. L-istess nistgħu ngħidu għall-Iben u l-Ispirtu.

4. Oħrajn jiċħdu t-Trinità billi jinnegaw li Kristu huwa Alla u li l-Ispirtu s-Santu huwa persuna distinta minn Alla l-Missier. L-argumenti tagħhom huma żbaljati, kif se naraw.

## ARGUMENTI FOLOZ KONTRA D-DIVINITÀ TA' KRISTU

Il-Kristjani ma jemmnux biss li l-Iben hu Alla; jemmnu wkoll li "għalina l-bnedmin u għas-salvazzjoni tagħna, niżel u kien inkarnat, u kien magħmul bniedem." Fl-Epistola lill-Filippin 2:6-11, l-appostlu Pawlu jgħallem li Kristu:

- kien magħmul fix-xbieha tal-*bnedmin,*
- ħa fuqu s-sura ta' *qaddej,*
- sar *ubbidjenti* sal-mewt tas-salib.

Kristu huwa Alla minn dejjem u sar ukoll *bniedem* tassew meta tnissel fil-ġuf tal-verġni Marija. Għalhekk għandu l-kwalitajiet divini (kif rajna qabel) u l-kwalitajiet umani ukoll – kellu bidu fit-tnissil, twiled, għandu ġisem fiżiku, kiber, inbidel, tgħallem, għejja, bata

u fl-aħħar miet ukoll. Għalhekk ma tistax targumenta li Ġesù mhux Alla għax kellu kwalitajiet umani, ngħidu aħna, li ma kienx jaf kollox. Ma kienx jaf kollox *għax hu bniedem*. Bħala Alla l-istess Kristu jaf kollox ("Issa nafu li taf kollox" Ġwanni 16:30). Irridu dejjem inżommu f'moħħna li Kristu hu *Alla u bniedem*.

Lanqas ma tista' tiċħad il-glorja divina ta' Kristu għax umilja lilu nnifsu biex jikseb il-fidwa tal-poplu tiegħu. Fil-lejl qabel bata Ġesù qal lill-appostli, "Kieku ħabbejtuni, kontu tifirħu, għax għidt, 'Sejjer għand Missieri.' għax Missieri akbar minni" (Ġwanni 14:28). Bir-raġun qal li Missieru akbar minnu, għax filwaqt li l-Missier kien fil-glorja tas-sema meqjum mill-anġli, l-Iben kien qed iservi bħala qaddej! Umilja lilu nnifsu u tbaxxa s'isfel nett biex jikseb is-salvazzjoni tal-poplu tiegħu.

Iżda wara dan kollu Ġesù kien eżaltat fis-sema. Għalhekk kellhom jifirħu d-dixxipli, għax l-Imgħallem tagħhom kellu jkun glorifikat mal-Missiew u daqs il-Missier. Il-mifdija japprezzaw is-sagrifiċċju li Kristu għamel għalihom u mill-qalb *jagħtuh l-istess ġieħ li jagħtu lill-Missier* (Ġwanni 5:23). Jasal jum meta kulħadd għad jistqarr li Ġesù hu Mulej, kulħadd jinżel għarkopptejh quddiemu u kulħadd jagħtih il-qima li

tixraq biss ’l Alla, anke dawk li llum jiċħduh (Isaija 45:23; Filippin 2:9-11).

Huwa assurd l-argument li l-Iben mhux Alla għax jitlob u jobdi l-Missier. Tassew l-Iben hu sottomess għall-Missier, kif tgħallem il-Bibbja: “sar *ubbidjenti*” u “ras Kristu hu Alla” (1 Korintin 11:3). Bl-istess mod il-mara hi sottomessa għal żewġha, għax “ir-ras tal-mara hu r-raġel.” Iżda b’daqshekk ħadd ma jgħid li l-mara hi anqas umana mir-raġel għax għandha rwol differenti; kif mela jinnegaw id-divinità ta’ Kristu minħabba s-sottomissjoni tiegħu?

L-appostlu Ġwanni emmen li Ġesù hu bniedem tassew għax kien xhud tat-tbatija u l-umiltà tiegħu. L-istess appostlu jistqarr fuq l-Iben t’Alla, Ġesù Kristu: “Dan hu Alla veru, u l-ħajja eterna” (1 Ġwanni 5:20).

# L-ISPIRTU S-SANTU PERSUNA DIVINA

Bil-kelma ‘persuna’ nifhmu *xi ħadd li għandu rieda, jaħseb, iħoss u jitkellem.* Il-kliem *Missier* u *Iben* mal-ewwel jissuġġerixxu personalità iżda il-kelma *Spirtu* (li litteralment tfisser *nifs*) tista’ tindika sempliċement

qawwa jew forza impersonali. Iżda ma rridux ninsew li l-anġli u d-demonji huma spirti u madankollu huma personali għax jaħsbu u jitkellmu. Irridu niftakru wkoll li *"Alla hu Spirtu"* (Ġwanni 4:24). Għalhekk hi preżunzjoni li tiċħad il-personalità tal-Ispirtu s-Santu sempliċement għax hu spirtu.

L-Iskrittura tieħu ħsieb tiddistingwi bejn l-Ispirtu u l-qawwa tiegħu. Naqraw dwar "il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu" bħalma naqraw dwar "il-qawwa ta' Kristu" (Rumani 15:13; 2 Korintin 12:9). Għalhekk ma nistgħux ngħidu li l-Ispirtu hu sempliċement qawwa, bħalma ma nistgħux ngħidu li Kristu hu biss qawwa. Il-qawwa hi waħda mill-attributi tiegħu.

Qabel bata, il-Mulej Ġesù wiegħed lid-dixxipli li hu u l-Missier kellhom jibagħtu "Kunsullier ieħor" (Gwanni 14:16, 26; 15:26; 16:7). Ġesù kien il-Kunsullier tagħhom sakemm kien preżenti u wara li telaq bagħtilhom Kunsullier *bħalu* f'Pentekoste. L-Ispirtu s-Santu huwa persuna bħalma Ġesù Kristu huwa persuna.

L-Ispirtu s-Santu huwa intelliġenti għax jaf, jgħallem u għandu fehma: "Dak li hemm f'Alla ma jafu ħadd, ħlief l-Ispirtu t'Alla... li jgħallem l-Ispirtu s-Santu… Dak li jgħarbel il-qlub jaf x'inhi l-fehma tal-Ispirtu" (1 Korintin 2:10-11; Rumani 8:27). L-Ispirtu s-Santu għandu wkoll

rieda għax iqassam id-doni tiegħu lil kull wieħed kif irid (1 Korintin 12:11).

L-Iskrittura tikkmandana: "La tnikktux lill-Ispirtu Qaddis t'Alla" (Efesin 4:30). Min jiċħad il-personalità tal-Ispirtu qajla jista' jifhem dan il-kliem għax hu impossibbli li tnikket "forza." Iżda ladarba l-Ispirtu jitnikket, huwa persuna tassew. Għalhekk il-Bibbja titkellem ukoll fuq "l-imħabba tal-Ispirtu" (Rumani 15:30).

Xi wħud imaqdru, jigdbu u saħansitra jidgħu kontra l-Ispirtu s-Santu (Lhud 10:29; Atti 5:3; Mattew 12:31). L-istess azzjonijiet tagħhom juru li l-Ispirtu hu persuna għax kif tista' tmaqdar, tigdeb u tidgħi kontra forza impersonali?

L-Ispirtu għandu relazzjoni personali mal-Kristjani. Fl-Atti naqraw: "Waqt li Pietru kien jaħseb fuq id-dehra, qallu l-Ispirtu: 'Ara, tliet irġiel qegħdin ifittxuk. Qum, mela, u inżel, u mur magħhom: għax jien bgħatthom.'" F'post ieħor: "Qal l-Ispirtu s-Santu: 'Ifirduli 'l Barnaba u 'l Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom'" (Atti 10:19-20; 13:2). L-Ispirtu jgħin lid-dixxipli kollha billi "jitlob għalina bi tnehid li ma jistax jingħad" (Rumani 8:26). Innota l-Ispirtu jitkellem, jibgħat, isejjaħ u jitlob. Dawn huma lkoll azzjonijiet personali.

# IT-TRINITÀ U S-SALVAZZJONI

Skont l-evanġelju t-tagħrif ta' Alla Trinità huwa marbut mill-qrib mas-salvazzjoni tal-bniedem. Il-Kristjani jemmnu li huma "maħturin skont l-għarfa minn qabel t'Alla *l-Missier*, bit-taqdis tal-*Ispirtu*, biex jisimgħu minn *Ġesù Kristu* u jitraxxu b'demmu" (1 Pietru 1:2). Għalhekk jitgħammdu "fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu" (Mattew 28:19). Ma jitgħammdux fi tliet ismijiet, iżda fl-isem wieħed t'Alla. Fl-istess waqt jgħarfu li dan Alla wieħed huwa l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Matul ħajjithom iqimu Alla wieħed, u mingħand it-tliet Persuni jistennew kull barka spiritwali: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka tal-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Ammen" (2 Korintin 13:14).

Ngħid kelma lil min ma jemminx li Ġesù hu Alla. Jekk tiċħad id-divinità ta' Kristu ma tistax isejjaħlu Sid u Salvatur tiegħek. Is-salmista qal: "O ruħi, inti għidt lill-*Mulej* (Jaħwe): Inti *Sidi*" (Salm 16:2). Issa jekk ma temminx li Ġesù hu Jaħwe, anzi tgħid li huwa ħlejqa, kif mela ssejjaħlu Sidek? Mhux biss. Alla jistqarr fuqu nnifsu, "Jien, iva jien, jien il-Mulej (Jaħwe), u għajri m'hemmx Salvatur" (Isaija 43:11). Ladarba Alla biss

huwa s-Salvatur, kif issejjaħ lil Ġesù s-Salvatur tiegħek peress li ma temminx li hu Alla?

Tagħmilx l-izball li għamlu xi Lhud. Kienu jippretendu li jafu lill-Missier avolja ma laqgħux lil Ibnu. "Intom la tafu lili u lanqas lil Missieri," wissihom Ġesù, "kieku kontu tafu lili, tafu wkoll lil Missieri" (Ġwanni 8:19). Lil Alla nagħrfuh biss fl-Iben; f'ħadd u xejn aktar.

Ma rridx ngħid li kull min għandu tagħrif intellettwali tad-dottrina tat-Trinità hu tassew Kristjan. Li tkun taf il-verita mhux biżżejjed jekk ma tħaddanhiex bil-fidi hekk li tibdillek ħajtek. Kristjan ġenwin jingħaraf mill-qima u l-imħabba lejn Alla l-Missier, il-fiduċja u l-ubbidjenza lejn il-Mulej Ġesù Kristu, u mill-ferħ u l-qdusija li jaħdem fih l-Ispirtu s-Santu.

Inti temmen f'Alla Trinità? Konvint li l-Iskrittura tgħallem li hemm Alla wieħed? Għaraft lill-Missier? Għaraftu fi Kristu, ix-xbieha perfetta tiegħu? Ilqajtu bil-fidi bħala is-Sid waħdieni u s-Salvatur tiegħek? Alla qiegħed jgħammar fik bl-Ispirtu s-Santu? M'hemmx mod ieħor kif tagħraf 'l Alla fil-verità u tgawdi l-ħajja ta' dejjem ħlief *fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.*